MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 06**

**It-Tlieta, 12 ta' Novembru 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 12 ta'Novembru 2024 fit-6:00 ta' filgħaxija. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**6.1 Talba;**

6.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-06:15 ta' filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**6.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

6.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**6.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

6.3.1 Ġew ipprezentati u approvati il-Minuti Numru 5.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**6.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

6.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 05/2024 għal perjodu ta' bejn it--16 ta' Ottubru, 2024 u t-12 ta' Novembru, 2024 li tammonta għal €17,941.00 ġiet approvata u iffirmata. Ġiet iprezentata wkoll kopja tal-ispejjez relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar.

**6.5.1 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri:

6.5.1 Li l-flus tal-proġett tal-*Playing field* li kienu imwegħeda mingħand il-*LESA* għal dan il-proġett inġabru kollha. It-total ta €68,975.20. Fil-prezent qedin niġbru l-materjal mitlub biex jinġabru l-fondi minn naħħa tad-dipartiment permezz tal-iskema SPI/SCI/ 02/2021;

6.5.2 waqt l-istess spjegazzjoni dwar il-proġett tal- *Playing field* tqajjem il-punt tal-video cameras tal istess *playing field* fejn is-segretarju informa lil membri li dawn ma kienux qed jaħdmu peress li ma humiex ikkonektjati mal-kompjuter. Dan ix-xogħol kien qed issir minn kunsillier li kien elett fil-leġislatur l-oħra li ma kienx kompla ix-xogħol. Il-membri qablu li għandna mill-aktar fis inċemplu lil minn installa l-apparat tal-cameras biex jiġi jara x hemm bzonn issir biex l-*playing field* tkun issorverljata;

6.5.2 Ser jingħata bidu għat-tieni fazi tal-proġett ta *taħt ir- railing*. Fil-prezent ġie imkejjel it-taraġ u ġiet ipprezentata stima tat-taraġ li ser ikun miksi minn madum qisu irħam li hu apposta u ma jizloqx u se tkun "slab" sħiħa. Il-membri xtaqu li jiġi iċċarat x qed ikun inkluz fl-istima peress li ċertu kliem seta jiġi faċilment interpretat hazin. Is-segretarju se titlob din l-ispjegazzjoni u tinform lil membri fil-laqgħa li jmiss dwar dan;

6.5.3 waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta Wied Siekel, xi residenti ġibdulu l-attenzjoni dwar il-ħajt tas-sejjieħ qed jaqa'. Il-kunsilliera Horace Micallef u Charlie Micallef ġibdu l-attenzjoni li dan hu ħajt privat. Għalhekk ġie deċiz li dwar dan is-Sindku se jinforma lil *Community Police* biex jiġbdu l-attenzjoni tar-resident biex jiġi irranġat u b'hekk jiġi evitat xi inċident;

**6.6 Tindif;**

6.6.1 Is-sindku ressaq proposta biex inkunu f'pozizjoni aħjar li inlaħqu mat-tindif tar-raħal. Hu ippropona li għat-toroq John Gaspard Le Merchant, Allessandro Franchi, Mons Mikiel Buttiġieg u oll għal Triq San Martin inqabdu lil xi kuntrattur, jew noħorġu *tender* biex ikolna lil xi ħadd responsabli mit-tindif ta dawn it-toroq. Hu semma ukoll il-fatt li kien qed

jipproponi li jitqabbad kuntrattur peress li hu għadu jittama li fil-futur qarib jista ikolna l-opportunita li ikollna xi ħaddiema tal-iskemi bħal *Community Workers Scheme,* etc. Hu xtaq ukoll jisma' xi proposti mill-kunsilliera biex jintlaħħaq dan il-għan. Waqt din id-diskussjoni issemma li qed nirċievu ilmenti minn residenti ta dawn in-naħħat li ikun ilhom zmien ma jaraw kennies, u li qed ikun hemm l-ħmieġ, izda dawn il-kummenti ġew imxejna u issemma l-fatt li qed jidħlu ilmenti anke fuq il-madwar ta wara il-knisja. Ġie deċiz li kif nirċievu l-allokazzjoni tat-2025 naraw nistawx nallokaw flus għal mod ieħor ta kif intejbu l-imaniġjar tal-indafa madwar ir-raħal;

**6.7 Jum il-Fontana;**

6.7.1 Dwar dan il-punt is-Sindku xtaq jiġi deċiz lil min jingħata "Ġieħ il-Fontana". Hu innomina lil George Schembri għax-xogħolijiet li għamel f'diversi oqsma fr-raħħal, izda offra l-possibilita li jissemmew xi persuni oħra qabel jiġi deċiz lil min ser jingħata dan il-ġieħ. Il-Viċi Sindku xtaqet tastjeni minn din id-deċizjoni peress li n-nominat hu qarib tagħha. Issemmew l-ex sindku u Chris izda dawn kienu diġa ħadu dan il-ġieħ fis-snin ta qabel. Bi qbil unanimu ġie deċiz li jingħata lil George Schembri. Is-sindku xtaq jipproponi li f'din is-serata jingħata rikonoxximent lil membri tal-kunsill li kienu isservu fil-leġislatura li għada kif intemmet aktar knieni din is-sena. Il-program qed jiġi ippjanat u minn għandu xi ideat hu mistieden li jaqsamhom mal-grupp anke fuq *whatsapp.* L-pjan hu li nistiednu *band* waqt id-duskussjoni ġie deċiz li jiġi ordnat ikel għal mitt (100) persuna bħas-snin l-oħra;

**6.8 Attivitajiet tal-Milied 2024;**

6.8.1 Ġie propost li din is-sena norganizzaw attivita għat-tfal qrib il-Milied. Il-ħsieb hu li din tkun attivita differenti bit-titlu ta "Cooking with Santa", fejn it-tfal ser ikunu qed jagħmlu l-*cookies* bl-għajnuna tal- *elves* fil-prezenza ta *Father Christmas.* Waqt il-ħin tat-tisjir jiġi organizzat logħob bħal *musical chairs,* etc u wara flimkien mal-pasti li jkunu sajru t-tfal jingħataw riġal zgħir. Għal din l-attivita, bi qbil unanimu, ser tiġi mitluba l-għajnuna minn naħħa tal-Kummissjoni Zgħazagħ u assistenza finanzjarja mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali;

6.8.2 Qed tiġi ikkunsidrata li din is-sena nagħmlu bħal ma issir minn diversi kunsilli oħra u norganizzaw ħarġa speċjali għal anzjani fiz-zmien il-Milied. F'din l-attivita titella xi tombla u titqassam xi tifkira lil kull min jattendi. Il-kunsill qabel unanimament li issir;

6.8.3 Waqt li tqajjem il-punt tal-ikla, issemmiet ukoll l-Ikla Solidari li din is-sena ser jieħu ħsieba ir-Reġjun. Is-Sindku informa lil membri li waqt l-

aħħar laqgħa tar-Reġjun ingħataw il-linji gwida ta kif u min hu intitolat – din l-ikla hi speċifikament għal dawk n-nies li huma anzjani jew morda jew persuni vunnerabli li jgħixu waħedhom u m'għandhomx minn issajrilhom-. Ir-Reġjun irrid ikun infurmat jekk hemm xi anzjani li naħsbu li ta min jiprovdilom din l-ikla u din tiġi deċiza minn naħħa tagħhom. Is-sindku informa lil membri li waqt il-laqgħa tar-Reġjun ġie infurmat li l-kunsill tal-Fontana fis-snin li għaddew ma kienx jimxi mal-linji gwida tar-Reġjun għax kien joffri din l-ikla mil-ispejjez tal-kunsill. Is-Sindku informa lil-membri li hu xtaq jimxi bħal kunsilli l-oħra u għalhekk dakinhar tal-Milied ser ikun qed iqassam dawn l-ikliet lil dawk li jikkwalifikaw u min jixtieq jingħaqad miegħu waqt it-tqassim tal-ikel se ikun qed jinfurmhom bil-ħin hekk kif dan jiġi ikkonfermat;

6.8.4 Dwar id-dekorazzjonijiet tat-toroq fil madwar tal-*belvedere* is-sindku xtaq jara x'jaħsbu l-kunsilliera dwar jekk għandix din l-*area* tiġi iddekorata bħas-snin l-oħra. Wara diskussjoni ġie deċiż li jinġabru stimi ta possibiltajiet kif jintramaw dawn l-inħawi u ġie deċiz ukoll li ser tinbgħat email biex id-dwal tal-Milied jinxtghel uffiċjalment f Jum il-Fontana;

**6.9 Ħarġa għal- Malta;**

6.9.1 Għal-ħarġa diġa għandna 40 persuna ibbujati, il-poster ħareġ fuq *Facebook* illum. It-transpost ser ikun dirett u il-karozza tal-linja ser tibqa magħna l-ġurnata kollha. Ser inkunu qed inzuru l-monti tar-Rabat ta Malta, wara ser imorru l-Mdina fejn ser ikolna *guided tour* ġewwa l-mużwe tan-natura, ħin liberu għal ikel u nitilqu lura mal-vapur tat-tlieta u nofs (03:30 pm);

**6.9 (ii) Fis-7:12 il-Viċi Sindku skuzat ruħa u informat lil dawk prezenti li ser ikolla titlaq.** Qabel ma telqet intalbet taqsam xi punti li forsi kellha għal din il-laqgħa peress li kien għadu ma wasalx il mument biex jiġu imresqa il-punti tal-kunsilliera. Hi semmiet il-punt li dwaru kienet kitbet fuq ic-chat – dwar residenta li qed tilmenta li hemm xi toqba fit-triq il-Kappillan Hili li avolja issewwiet meta għamlet ix-xita xorta daħlilha l-ilma ġod-dar;

**6.10 Korrispondenza, *ilmenti/suggerimenti;***

6.10.1 F'korrispondenza il-kunsill irċieva mingħand resident ta Triq il-Għajn li qed jistenna li jisma' mingħand il-kunsill dwar it-Triq tiegħu li din tkun ta l-istess livel ta Triq Qalb ta' Ġesu u ta Triq Kappillan Hili. Is-segretarju infurmat li hi irrispondiet li kien hemm appuntament mal-ministru ta' Għawdex biex jiġi diskuss primarjament dak il-punt u li sfortunatament



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

dan l-appuntament ġie pospost għal data fil-futur minn naħħa tal-Ministeru ta' Għawdex;

6.10.2 Fil-laqgħa peċedenti tkellimna dwar resident fi Triq Wied Siekel dwar il-ballards. Dan ir-resident ma kienx kuntent bir-risposta għaliex hu xtaq li ikollu aċċess bil-karozza izda dan ma hux possibli peress li din l-*area* hi protetta u mill-aktar fis possibli l-*handyman* għandu imur iwaħħal l-*ballard* biex aħna nkunu qed nosservaw l-linji gwida marbuta ma dan il-post;

6.10.3 Il-Kummissjoni Zaghzagh Fontana bgħatu rikjesta li jingħata No Objection minn naħħa tal-kunsill u li noħorġu l-permessi ta *No Parking* wara il-knisja għal-attivita tagħhom;

6.10.4 Waqt li ssemma punt numru 6.10,3 ġie ikkonfermat mill membri prezenti. li dan il-kunsill ser ikun qed joffri l-permessi kollha bla ħlas li għaqdiet volontarji tar-raħal ikollhom bzonn għal avvenimenti fir-raħal;

6.10.5 Il-paroċċa bgħatet isaqsi jekk il-kunsill jixtieqx jgħin lil paroċċa biex itaffi l-ispejjez relatati mal-kunċert li ser isseħħ fil-ġranet tal-festi tal-Milied. Ġie deċiz li għal din is-sena mhux se nikkolaboraw izda fis-snin li ġejjin nixtiequ nkunu involuti fil-proċess bil-possibilita li norganizzaw l-kunċert minn-naħħa tal-kunsill;

6.10.6 Korrispondenza oħra kienet mingħand ir-residents Sciberras dwar l-sqaq. Mr. Scibeerras ghaddilna xi informazzjoni dwar meta saru xi xogholijiet fuq dan l-isqaq. Is-Segretarju infurmat lil membri li wara li tkellmet mad-dipartiment l uniku risposta li ngħata kien li aħna nagħmlu r-riċerki biex inkunu nafu jekk dan l-isqaq hux taħt ir-responsabilita tagħna. Waqt dan il-punt sar intervent fejn inġibdet l-attenzjoni li d-departiment hu s-sors minfejn l-kunsill jista jakwista l-informazzjoni meħtieġa. Il-kunsill qabel li ssir talba fuq id-departiment u presjoni neċessarja biex nakwistaw din l-informazzjoni. Waqt din id-diskussjoni sar intervjent mingħand r-residenti Sciberras u l-laqgħa ġiet sospiza għal 10 minuti biex ġiet diskuss dan il punt. Wara li tkomplit l-laqgħa ġie konkluz li tinbgħat ittra lil ministru tad-departiment biex l-kunsill jingħata lista tat-toroq/sqaqien li hu responsabli minnhom;

6.10.7 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni fuq l-inviti li ntbgħatu li xi uħud jeħtieġu risposta fosthom dawk mibgħuta mill-AKL, open day tal BCRS u stedina biex niġbru waqt l-attivitajiet tal-kunsill

**6.11 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

6.11.1 Waqt diskussjoni li qamet waqt il-laqgħa fejn issemmew ic-CCTV cameras, is-segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-*cameras* tal-*playing field* ma

humiex ikkonetjati. Bi qbil unanimu l-kunsilliera kollha qablu li għandu issir kuntatt mal-*XT homes* li kienet il-kumpanija li nstallat dawn il-*cameras* biex jiġu u jaraw x hemm bzonn issir biex dawn jerġaw jibdew jaħdmu;

6.13.2 Il-kunsillier Joseph Mercieca staqsa jekk baqax roti minn dawk li l-kunsill ingħata mingħand ir-Reġjun għax kellu talba minn student. Is-segretarju ikonferma li baqa waħda disponibli u l-persuna interessata tista tagħmel kuntat biex jibda l-proċess;

6.13.3 Il-kunsillier Joseph Mercieca resaq ilment li rċieva li waqt li qed ikun hemm it-tfal jistennew l-*bus* li twassalhom l-iskola xi nies li qed jipparkjaw ħdejn il-*bus stop* qed irreġġaw l-karozzi għal fuq it-tfal. Il-membri tal-kunsill ikonfermaw li f'distanza ta anqas minn 9 metri mis-sinjal ta *Bus Stop* wieħed ma jistax jipparkja għalhekk ma nistaw inwaħħlu ebda sinjal ta *No Parking;*

6.13.4 Il-kunsillier Joseph Mercieca fakkar il-membri dwar dak li kien deċiż li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta Jum il-Fontana norganizzaw ħarġa għal familji f'Malta. Ġie deċiż li ssir nhar il-ħadd 24 ta' Novembru;

**6.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-08:15 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 06 ta' Diċembru, 2025 fis-06:00 ta' filgħaxija bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum 6 ta' Diċembru '24

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA